MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 435/2005

**Mirachem (Marketing) Limited**

**vs**

**Alan Falzon**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta’ Frar, 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tliet mitt lira Maltija (Lm300) rapprezentanti sitt (6) kambjali accettati mill-istess konvenut u li mmaturaw u progressivament saru dovuti fit-30 ta’ Lulju 2003, fit-30 ta’ Awissu 2003, fit-30 ta’ Settembru 2003, fit-30 ta’ Ottubru, fit-30 ta’ Novembru 2003 u fit-30 ta’ Dicembru 2003 rispettivament.

Illi minkejja li gie interpellat sabiex jonora dawn is-sitt (6) kambjali kull darba li dawn immaturaw u progressivament saru dovuti, huwa baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi l-imghaxijiet legali dekorribbli separatament fuq kull kambjala mid-data illi l-istess kambjala mmaturat u saret pagabbli mill-konvenut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut deher fis-seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005 fejn ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tliet mitt lira Maltija (Lm300) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------